MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 627/2004

**Francis Cefai
(ID Card Number 285244M)**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-istess Francis Cefai u li bih, wara li ppremetta illi hu gie notifikat b'dikjarazzjoni ufficcjali tal-Kummissarju intimat permezz ta' ittra ufficcjali li ggib id-data tat-22 ta' Ottubru, 2004.

Illi f'din l-ittra ufficcjali huwa gie interpellat ihallas is-somma ta' tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm352), ekwivalenti ghal tmien mija u dsatax-il ewro u erbgha u disghin centezmi (€819.94), rapprezentanti arretrati t-taxxa ghas-snin 1992.

Illi t-talba tal-Kummissarju intimat hija wahda infondata kemm fil-fatt u fid-dritt u dan ghal ragunijiet li jigu spjegati waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talbiet tal-Kummissarju intimat bhala infondati u dan skond dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha preleminari moghti fil-11 ta' Novembru, 2004 (fol 2 tal-atti).

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 8 tal-atti) u li biha esponа bir-rispett :

Illi l-ammont mitlub mill-esponent huwa kollu dovut, u dan kif se jirrizulta ahjar mix-xhieda migjuba.

Illi inoltre, l-istess rikorrent kien diga beda ihallas sabiex jinqatghu tali arretrati tat-taxxa dovuti ghas-sena ta' stima 1992, u ghalhekk huwa stess ammetta li ghandu jaghti tali somma.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kaz specjalment dak verbalizzat a fol 10 ibid, id-dokumenti esebiti mill-istess rikorrenti permezz ta' nota a fol 16 sa fol 18 ibid, ix-xhieda tar-rikorrenti a fol 29 u fol 30 ibid, dik ta' Ludgardo Mercieca a fol 31 u fol 32 ibid, l-'affidavit' ta' dan a fol 34 u fol 35 ibid, flimkien mad-dokumenti a fol 36 ibid u l-istess xhud riprodott in kontro-ezami, a fol 39 u fol 40 ibid flimkien mad-dokument a fol 41 ibid, kif ukoll dak verbalizzat a fol 44, fol 45, fol 47 bil-ftehim hemm imsemmi a fol 48, fol 50 flimkien mad-dokumenti esebiti mir-rikorrent a fol 52 sa fol 55 ibid, fol 60 u fol 61 dejjem tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-premess, ir-rikorrenti, matul dawn il-proceduri kien wasal sabiex jiftiehem mal-intimat dwar il-pagament tas-somma involuta. Inoltre kien ukoll applika sabiex juzufruwixxi minn skema recenti u hu kien hallas l-ammont kollu fl-4 ta' Novembru, 2009.

Illi, dwar l-ispejjes gudizzjarji mill-provi prodotti, kemm verbali kemm permezz ta' dokumenti, jidher li fil-fatt l-ammont in kwistjoni kien bhala fatt, dovut mir-rikorrenti u ghalhekk, tenut kont tar-rikors kif sar minghajr ma hemm specifikat x'kienet ir-raguni l-ghala l-ammont ma kienx dovut kif ukoll b'mod specjali, l-'affidavit' ta' Ludgardo Mercieca a fol 34 u fol 35 u d-dokument a fol 41 ibid, il-Qorti tara li r-rikorrenti ghandu jbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.
Ghal dawn il-motivi l-Qorti waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu ta' dan ir-rikors tikkundanna lill-istess rikorrenti sabiex ihallas l-ispejjes kollha tal-istess rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------